32000L0069

13.12.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 313/12

ID-DIRETTIVA 2000/69/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-16 ta'Novembru 2000 dwar valuri ta' limitu għall-benżin u monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent

il-parlament ewropew u l-kunsill ta' l-unjoni ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara konsultazzjoni mal-Kummitat tar-Reġjuni,

Huma u jaġixxu bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fuq il-bażi tal-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 174 tat-Trattat, il-programm tal-Komunità Ewropea tal-politika u l-azzjoni fir-relazzjoni għall-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli (il-Ħames Programm ta' l-Azzjoni fuq l-Ambjent) ([4]), supplimentat bid-Deċiżjoni Nru 2179/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) fuq ir-reviżjoni tagħha, jipprevedi partikolarment li jsiru emendi fil-leġislazzjoni dwar it-tniġġis ta' l-arja. Dak il-programm jirrakkomanda li jiġu stabbiliti oġġettivi dwar il-kwalità ta' l-arja għal terminu twil. L-Artikolu 174 tat-Trattat jeħtieġ illi l-prinċipji tal-prekawzjoni għandhom ikunu applikati fir-relazzjoni tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

(2) L-Artikolu 152 tat-Trattat jipprovdi li l-ħtiġiet tal-protezzjoni tas-saħħa għandhom jiffurmaw parti konstitwenti tal-politiki l-oħra tal-Komunità. L-Artikolu 3(1)(p) tat-Trattat jipprovdi li l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu kontribuzzjoni għażżamma tal-livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa.

(3) Skond l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar stima u maniġġjar tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent ([6]), il-Kunsill għandu jadotta l-leġislazzjoni provduta fil-paragrafu 1 kif ukoll id-dispożizzjonijiet preskritti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.

(4) Id-Direttiva 96/62/KE teħtieġ li l-pjanijiet ta' l-azzjoni jkunu żviluppati għaz-zoni li fihom il-konċentrazzjonijiet li jniġġsu fl-arja ambjentali jaqbżu il-valuri tal-limitu, flimkien ma' kull marġini temporanja ta' toleranza applikabbli bil-għan li tiġi assigurata konformità mall-valuri tal-limitu sad-dati preskritti.

(5) Id-Direttiva 96/62/KE tipprovdi illi il-valuri numerikali adottati għal valuri tal-limitu għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol magħmul minn gruppi xjentifiċi internazzjonali attivi fil-qasam. Il-Kummissjoni għandha tagħti kont tad-data xjentifika tar-riċerka l-aktar reċenti fil-qasam epidemoloġiku u ambjentali konċernati u ta' l-aktar progressi reċenti fil-metroloġija għal l-eżami mill-ġdid ta' l-elementi fuq liema huma bbażati l-valuri tal-limitu.

(6) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 fejn hemm imniżżla l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([7]);

(7) L-emendi neċessarji għal l-adattament tal-progress xjentifiku u tekniku jistgħu jirrelataw biss għal kriterji u l-metodi ta' teknika għall-istima tal-konċentrazzjonijiet tal-benżin u l-monossidu karboniku jew l-arranġamenti ddettaljati għat-tqassim ta' l-informazzjoni lill-Kummissjoni, u ma jistax jkollhom effett illi jbiddlu il-valuri tal-limitu direttament jew indirettament.

(8) Il-valuri tal-limitu mniżżla f'din id-Direttiva huma ħtiġiet minimi; bi qbil ma' l-Artikolu 176 tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti; partikolarment, valuri aktar stretti jistgħu jkunu introdotti sabiex jipproteġu is-saħħa tal-kategoriji partikolarment vulnerabbli tal-popolazzjoni, bħat-tfal u l-pazjenti fl-isptar. Stat Membru jista' jeħtieġ li l-valuri tal-limitu ikunu miksuba qabel id-dati mniżżla f'din id-Direttiva.

(9) Benżin huwa karċinoġenu ġenotossiku tal-bniedem u ma hemmx l-ebda mira identifikabbli illi taħtha ma hemmx riskju għas-saħħa tal-bniedem.

(10) Madankollu, meta l-valuri tal-limitu għal benżin kif magħmula minn din id-Direttiva huma diffiċli li jintlaħqu minħabba karatteristiċi ta'tixrid f'zona speċifika jew kondizzjonijiet relevanti tal-klima u jekk l-applikazzjoni tal-miżuri tirriżulta fi problemi severi soċjo-ekonomiċi, l-Istati Membri jistgħu jistaqsu lill-Kummissjoni għal estensjoni waħda fil-limitu taż-żmien taħt kondizzjonijiet speċifiċi.

(11) Bil-għan li jiffaċilitaw ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-2004, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-inkuraġġiment tar-riċerka fl-effetti tal-benżin u l-monossidu karboniku, u jieħdu konsiderazzjoni tat-tniġġis ta' l-arja fl-ispazji magħluqa kif ukoll fl-arja ta' barra.

([1]) ĠU C 53, ta' l-24.2.1999, p. 8.
([2]) ĠU C 138, tat-18.5.1999, p. 42.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Diċembru 1999 (ĠU C 194, tal-11.7.2000, p. 56), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-10 t' April 2000 (ĠU C 195, tal-11.7.2000, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2000 (mhux ppubblikata għalissa fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-24 t' Ottubru 2000.
([4]) ĠU C 138, tas-17.5.1993, p. 5.
([5]) ĠU L 275, ta' l-10.10.1998, p. 1.
([6]) ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 55.
([7]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(12) Metodi eżatti tal-miżuri tekniċi standardizzati u l-kriterji komuni għall-lokazzjoni ta' l-istazzjonijiet tat-tkejjil huma element importanti fl-istima tal-kwalità ta' l-arja ambjentali bil-għan li tinkiseb informazzjoni komparabbli madwar il-Komunità.

(13) L-informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet tal-benżin u l-monossidu karboniku għandha tkun mibgħuta lill-Kummissjoni bħala bażi għar-rapporti regolari.

(14) L-informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tal-benżin u l-monossidu karboniku fl-arja ambjentali għandha tkun disponibbli għall-pubbliku,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għanijiet

L-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu:

(a) sabiex jistabilixxu l-valuri tal-limitu għal konċentrazzjonijiet ta' benżin u l-monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent intiżi biex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu l-effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent kollu;

(b) sabiex issir stima tal-konċentrazzjonijiet tal-benżin u l-monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent abbażi ta' metodi u kriterji komuni;

(ċ) sabiex tinkiseb informazzjoni adegwata dwar konċentrazzjonijiet tal-benżin u monossidu karboniku fl-arja ambjentali u tassigura li hija magħmula disponibbli għal pubbliku;

(d) sabiex tinżamm il-kwalità ta' l-arja ta' l-ambjent fejn din tkun tajba u titjieb f'każijiet oħra għar-rigward tal-benżin u l-monossidu karboniku.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/62/KE għandhom japplikaw.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "livell ta' stima għolja" tfisser livell speċifikat fl-Anness III, li taħtu tista' tintuża kombinazzjoni ta' metodi tekniċi ta' kejl u mmudellar biex tiġi stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent, bi qbil ma' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 96/62/KE;

(b) "livell ta' stima baxxa" tfisser livell speċifikat fl-Anness III, li taħtu jistgħu jintużaw biss metodi oġġettivi ta' teknika għall-estimazzjoni u mmudellar biex tiġi stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent, bi qbil ma l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 96/62/KE;

(ċ) "kejl fiss" tfisser kejl meħud bi qbil ma' l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 96/62/KE.

Artikolu 3

Benżin

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-konċentrazzjonijiet tal-benżin fl-arja ta' l-ambjent, kif stmati bi qbil ma' l-Artikolu 5, ma jaqbżux il-valur tal-limitu mniżżel fl-Anness I skond id-dati msemmija fih.

Il-marġini ta' tolleranza preskritti fl-Anness I għandhom japplikaw bi qbil ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62/KE.

2. Fejn il-valur tal-limitu mniżżel fl-Anness I huwa diffiċli li jkun milħuq minħabba karatteristiċi tat-tixrid fiż-żona speċifika jew minħabba l-kondizzjonijiet relevanti tal-klima, bħal forza baxxa tar-riħ u/jew kondizzjonijiet li jwasslu għall-evaporazzjoni, u minħabba li l-applikazzojni tal-miżuri tirriżulta fi problemi severi soċjo-ekonomiċi, l-Istat Membru jista' jitlob lil-Kummissjoni għal estensjoni limitata taż-żmien. Il-Kummisjoni, bi qbil mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 96/62/KE, tista', fuq it-talba ta' l-Istat Membru u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(3) ta' din id-Direttiva, tiggarantixxi estensjoni waħda għal perjodu sa ħames snin jekk l-Istat Membru konċernat:

— jagħżel ż-żoni u/jew agglomerazzjonijiet konċernati;

— jipprovdi l-ġustifikazzjoni neċessarja għal estensjoni bħal din;

— juri li l-miżuri kollha raġonevoli kienu meħuda biex ibaxxu l-konċentrazzjonijiet tat-tniġġis konċernat u biex titnaqqas l-area fuq liema l-valur tal-limitu skorra, u

— jiġbor l-iżviluppi tal-ġejjieni fir-rigward tal-miżuri li dan se jieħu skond l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE.

Il-valur tal-limitu għal benżin li ser jingħata waqt dik l-estensjoni taż-żmien limitat m'għandux, madankollu, jaqbeż 10.

Artikolu 4

Monossidu karboniku

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li l-konċentrazzjonijiet tal-monossidu karboniku fl-arja tal-ambjent, kif stmati bi qbil ma' l-Artikolu 5, ma jaqbżux il-valur tal-limitu mniżżel fl-Anness II skond id-dati msemmija fih.

Il-marġini tat-tolleranza mniżżla fl-Anness II għandhom japplikaw bi qbil ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62/KE.

Artikolu 5

Stima tal-konċentrazzjonijiet

1. Il-livell ta' stima għolja u baxxa għal benżin u l-monossidu karboniku għandhom ikunu dawk mniżżla fit-Taqsima I ta' l-Anness III.

Il-klassifikazzjoni ta' kull żona jew agglomerazzjoni għal l-għanijiet ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 96/62/KEE għandhom ikunu riveduti mill-inqas kull ħames snin skond il-proċedura mniżżla fit-Taqsima II ta' l-Anness għal din id-Direttiva. Il-klassifikazzjoni għandha tkun riveduta iktar kmieni fil-każ ta' bidla sinifikanti fl-attivitajiet rilevanti għal konċentrazzjonijiet fl-ambjent ta' benżin jew monossidu karboniku.

2. Il-kriterji biex tiddetermina l-allokazzjoni tal-punti ta' fejn isir il-kampjunar għall-kejl tal-benżin u tal-monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness IV. In-numru minimu ta' postijiet ta' kampjunar għal kejl fiss ta' konċentrazzjonijiet ta' kull sustanza li tniġġes rilevanti jridu jkunu hekk kif imniżżla fl-Anness V, u dawn għandhom ikunu installati f'kull żona jew agglomerazzjoni fejn ikun hemm bżonn il-kejl jekk il-kejl fiss ikun l-uniku sors ta' data fuq konċentrazzjonijiet li hemm fihom.

3. Għaż-żoni u agglomerazzjonijiet fejn l-informazzjoni għal stazzjonijiet ta' kejl fiss hija ssupplimentata b'informazzjoni minn sorsi oħra, bħal ma huma inventarji ta' emmissjonijiet, metodi ta' kejl indikattiv u mmudellar tal-kwalità ta' l-arja, l-għadd ta' stazzjonijiet ta' kejl fiss li għandhom jiġu nstallati u r-risoluzzjoni spazjali ta' metodi tekniċi oħra għandhom ikunu suffiċjenti għal konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li għandhom ikunu stabbiliti skond it-Taqsima I ta' l-Anness IV, u t-Taqsima I ta' l-Anness VI.

4. Għaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-kejl ma hux meħtieġ, metodi tekniċi ta' mmudellar jew ta' stima oġġettiva jistgħu jintużaw.

5. Il-metodi tar-referenza għall-analiżi u l-kampjunar tal-benżin u l-monossidu karboniku għandhom ikunu dawk imniżżla fit-Taqsimiet I u II ta' l-Anness VII. Taqsima III ta' l-Anness VII ser ipoġġi metodi tekniċi ta' riferenza għall-immudellar tal-kwalità ta' l-arja meta metodi tekniċi bħal dawn huma disponibbli.

6. Id-data li fiha l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-metodi wżati għall-istima preliminari tal-kwalità ta' l-arja taħt il-punt (d) ta' l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/62/KE għandha tkun id-data mniżżla fl-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva.

7. L-emendi kollha neċessarji sabiex jiġu adottati id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u l-Annessi III sa VII għal progress xjentifiku u tekniku għandhom ikunu adottati bi qbil mall-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) imma jistgħu ma jirriżultawx f' xi tibdil dirett jew indirett għal valuri tal-limiti.

Artikolu 6

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitat msemmi fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 96/62/KE, minn hawn 'l quddiem msejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 li jinsab fiha.

Il-perjodu ta' żmien mniżżel fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 7

Informazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw l-informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-benżin u l-monossidu karboniku tkun kontinwament għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kif ukoll għall-organizzazzjonijiet adatti, bħal l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-popolazzjoni sensittiva u korpi oħra rilevanti tal-kura tas-saħħa, per eżempju permezz, tal-medja tax-xandir, l-istampa, screens ta' l-informazzjoni jew servizzi ta' komputer network, it-teletext, telefon jew il-fax.

L-informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-benżin, bħala valur medju fuq l-aħħar 12-il xahar, għandha tkun aġġornata mill-inqas abbażi ta' tlett xhur, u fejn prattikabbli, l-informazzjoni għandha tkun aġġornata abbażi ta' kull xahar. L-informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-monossidu karboniku għandha, bħala medja massima ta' kull tmien siegħat, mill-inqas tiġi aġġornata kuljum u, meta jkun prattikabbli, tiġi aġġornata kull siegħa.

L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu għandha mill-inqas tindika kull eċċedenza tal-konċentrazzjonijiet imsemmija fil-valuri tal-limitu fuq il-perjodi medji hekk kif imniżżla fl-Annessi I u II. Din għandha tipprovdi wkoll stima qasira dwar il-valuri tal-limitu u l-informazzjoni xierqa dwar l-effetti fuq is-saħħa.

2. Meta jkunu qegħdin isiru pjanijiet jew programmi disponibbli għal pubbliku taħt l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, l-Istati Membri għandhom jagħmluhom disponibbli għal l-organizzazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan jinkludi wkoll id-dokumentazzjoni meħtieġa taħt l-Anness VI(II) ta' din id-Direttiva.

3. L-informazzjoni magħmula disponibbli għal pubbliku u għall-organizzazzjonijiet taħt il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu ċari, jiftiehmu sew u aċċessibbli.

Artikolu 8

Rapport u reviżjoni

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004 il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ibbażat fuq l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, partikolarment, dwar ir-riżultati tar-riċerka xjentifika l-aktar reċenti li tikkonċerna l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem, b'attenzjoni partikolari tingħata lill-popolazzjoni sensittiva, u fuq is-sistemi ekoloġiċi ta' l-espożizzjoni tal-benżin u l-monossidu karboniku, fuq l-iżvilluppi teknoloġiċi inkluż il-progress milħuq fil-metodi tal-kejl u konċentrazzjonijiet oħra ta' l-istima tal-benżin u tal-monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti konsiderazzjoni partikolari ta' l-elementi li ġejjin fir-rigward tal-benżin u l-monossidu karboniku:

(a) il-kwalità ta' l-arja kurrenti u l-evoluzzjoni tagħhom sa u wara s-sena 2010;

(b) il-possibiltà li jitnaqqsu aktar l-emmissjonijiet li jniġġsu minn kull sors relevanti, filwaqt li tittieħed konsiderazzjoni tat-teknika tagħhom li qed tiġi mħaddma u l-effettività ta' l-ispejjeż;

(ċ) ir-relazzjonijiet bejn l-affarijiet li jniġġsu u l-opportunitajiet għal strateġiji ikkumbinati biex tintlaħaq il-kwalità ta' l-arja tal-Komunità u l-għanijiet relatati;

(d) ħtiġiet kurrenti u tal-ġejjieni għall-informazzjoni tal-pubbliku u għat-tixrid ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

(e) l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri inkluż, b'mod partikolari, il-kondizzjonijiet mniżżla fl-Anness IV taħt liema l-miżuri kienu saru.

3. Bil-għan li jinżamm livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, ir-rapport msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, mill-proposti għal l-emendi ta' din id-Direttiva li tista' tinkludi aktar estensjonijiet fil-perjodu taż-żmien sabiex jintlaħaq il-valur limitat għal benżin fl-Anness I li jista' jkun miftiehem taħt l-Artikolu 3(2).

Artikolu 9

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 10

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-13 ta' Diċembru 2002. Fl-istess ħin għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Meta l-Istat Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkpumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Din ir-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 12

Indirizzi

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Novembru 2000.

Għall-Parlament Ewropew	*F'isem il-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
N. FONTAINE	R. SCHWARTZENBERG

L-ANNESS I

VALUR TAL-LIMITU GĦALL-BENŻIN

Il-valur tal-limitu għandu jkun espress f' standardizzati fit-temperatura ta' 293 K u l-pressjoni ta' 101,3 kPa.

	Il-perjodu tal-medja	Valur tal-limitu	Marġni ta' tollerenza	Data li biha l-valur tal-limitu għandu jintlaħaq
Valur tal-limitu għall-protezzjoni tas-saħħa Tal-bniedem	Sena' kalendarja	5	5 (100 %) fit-13 ta' Diċembru 2000, tnaqqis fl-1 ta' Jannar 2006 u kull 12 il-xahar minn hemm il-quddiem b' 1 biex jintlaħaq l-0 % sa' l-1 ta' Jannar 2010	l-1 ta' Jannar 2010 (1)

(1) Bl-eċċezjoni ġewwa żoni u agglomarazzjonijiet li għalihom ingħatat estensjoni tal-hin limitat hekk kif ġiet mifthema bi qbil ma' l-Artikolu 3(2).

L-ANNESS II

VALUR TAL-LIMITU GĦAL MONOSSIDU KARBONIKU

Il-valur tal-limitu għandu jkun espress f' mg/m3. Il-valur tal-limitu għandu jkun standardizzat f'temperatura ta' 293 K u fi pressjoni ta' 101,3 kPa.

	Il-perjodu tal-medja	Valur tal-limitu	Marġni ta' tollerenza	Data li biha l-valur tal-limitu għandu jintlaħaq
Valur tal-limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem	Medja ta' 8 siegħat massimi kuljum	10	6 fit-13 ta' Diċembru, tnaqqis fl-1 ta' Jannar 2003 u kull 12 il-xahar minn hemm il-quddiem b' 2 biex jintlaħaq l-0 % sa l-1 ta' Jannar 2005	fl-1 ta' Jannar 2005.

Il-massimu ta' 8 siegħat tfisser illi l-konċentrazzjoni se tkun magħżula billi jsir l-eżami tal-medja matul it-8 siegħat, ikkalkolati minn data magħrufa kull siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 siegħat hekk ikkalkulata se tkun assenjati lil dik il-ġurnata li fiha tispiċċa. i.e. l-ewwel perjodu tal-kalkulazzjoni għal kull ġurnata waħda se jkun il-perjodu bejn 17:00 tal-ġurnata ta'qabel u 01:00 ta' dik il-ġurnata; l-aħħar perjodu tal-kalkulazzjoni għal kull ġurnata waħda se jkun il-perjodu bejn l-16:00 sa 24:00 ta' dik il-ġurnata.

L-ANNESS III

DETERMINAZZJONI TAL-ĦTIĠIET GĦALL-ISTIMA TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET TAL-BENŻIN U L-MONOSSIDU KARBONIKU FL-ARJA TA' L-AMBJENT FIŻ-ŻONA JEW AGGLOMERAZZJONI

I. **Il-mira ta' l-istima għolja jew baxxa**

Il-miri li ġejjien ta' l-istima għolja jew baxxa se japplikaw:

(a) Benżin

	Medja annwali
Mira ta' l-istima ta' fuq	70 % tal-valur tal-limitu (3,5)
Mira ta' l-istima t' isfel	40 % tal-valur tal-limitu (2)

(b) Monossidu karboniku

	Medja ta' tmien siegħat
Mira ta' l-istima ta' fuq	70 % tal-valur tal-limitu (7)
Mira ta' l-istima t' isfel	40 % tal-valur tal-limitu (5)

II. **Determinazzjoni tal-eċċedenzi tal-miri ta' l-istima għolja jew baxxa**

Eċċedenzi tal-miri ta' l-istima għolja jew baxxa għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tal-konċentrazzjonijiet waqt il-ħames snin ta' qabel fejn data suffiċjenti hija disponibbli. Mira ta' l-istima se tkun meqjusa li ġiet maqbuża jekk din kienet maqbuża minn ta' l-inqas matul tlett snin separati minn dawk il-ħames snin ta' qabel.

Fejn inqas minn ħames snin data huma disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jagħqdu kampanji ta' miżuri għall-perjodu ta' żmien qasir waqt il-perjodu tas-sena u fil-lokazzjonijiet li huma maħsuba li huma tipiċi għall-livelli l-aktar għoljin tat-tniġġis mir-riżultati miksuba mill-informazzjoni ta' l-inventarji tal-emmissjoni u l-immudellar biex ikunu stabbiliti l-eċċedenzi tal-miri ta' l-istima għolja u baxxa.

L-ANNESS IV

LOKAZZJONI TAL-PUNTI TA' FEJN ISIR IL-KAMPJUNAR GĦAL KEJL TAL-KONĊENTRAZZJONJIET TAL-BENŻIN U L-MONOSSIDU KARBONIKU FL-ARJA TA' L-AMBJENT

Il-konsiderazzjonijiet li ġejjin se japplikaw għal kejl fiss.

I. Żona fuq skala kbira

Punti ta' fejn isir il-kampjunar diretti għal protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandhom ikunu stazzjonati:

(i) biex jipprovdu data dwar l-areas fiż-żoni u l-agglomerazzjonjiet fejn il-konċentrazzjonijiet l-aktar għolja jidhru u għal liema il-popolazzjoni hija maħsuba li ser tiġi esposta direttament jew indirettament għal perjodu li huwa sinifikanti fir-relazzjoni tal-perjodu medju tal-valur(i) tal-limitu;

(ii) biex jipprovdu data dwar il-livelli fl-areas oħra fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li huma rappreżentanti ta' l-espożizzjoni tal-popolazzjoni ġenerali.

Punti ta' fejn isir l-kampjunar għandhom ikunu in ġenerali stazzjonati biex ikun evitat li jsir il-kejl ta' ambjenti żgħar ħafna li jkunu qrib ħafna tagħhom. Bħala gwida, punt ta' fejn isir il-kampjunar għandu jkun stazzjonat sabiex jirrappreżenta l-kwalità ta' l-arja fl-area tal-madwar ta' mhux inqas minn 200 m^2 fil-postijiet orjentati tat-traffiku u ta' ħafna kilometri kwadri tal-postjiet ta' l-isfond urban.

Punti ta' fejn isir il-kampjunar għandhom ikunu wkoll, fejn possibbli, rappreżentati fl-lokazzjonijiet simili mhux fil-viċin tagħhom immedjat.

Konsiderazzjoni għandha tkun meħuda tal-bżonn biex ikunu lokalizzati il-postijiet fejn jittieħdu il-kampjuni fuq il-gżejjer, fejn huwa neċċessarju għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

II. Żoni fuq skala żgħira

Il-linji ta' gwida li ġejjien għandhom ikunu milħuqa sakemm huwa prattikabbli:

— iċ-ċirkolazzjoni madwar is-sonda tal-kampjunar intern m'għandux ikun ristrett, mingħajr ebda xkiel li jaffettwa id-dħul ta' l-arja fil-madwar tal-kampjun (normalment ftit metri l-bogħod mill-bini, gallariji, siġar u ostakoli oħra u mill-inqas 0,5 m mill-aktar bini viċin fil-każ ta' postijiet fejn jittieħdu il-kampjuni li jirrapreżenta l-kwalità ta' l-arja fil-linja tal-bini);

— ġeneralment, il-punti ta fejn isir il-kampjunar intern għandhom ikunu bejn 1,5 m (iż-żona tan-nifs) u 4 m 'l fuq mill-art. Pożizzjonijiet aktar għoljin (sa 8 m) jistgħu jkunu neċessarji f'ċerti ċirkostanzi. Żoni għola jistgħu wkoll ikunu xierqa jekk l-istazzjon huwa rappreżentant ta'area kbira;

— is-sonda interna m'għandhiex tkun pożizzjonata fil-viċin immedjat tas-sorsi bil-għan li jkun evitat it-teħid dirett ta' l-emmissjonijiet mhux imħallta ma' l-arja ta' l-ambjent;

— il-ħruġ tal-*exhaust* mill-fetħa tal-kampjun għandu jkun pożizzjonat sabiex ċirkolazzjoni mill-ġdid ta' l-arja mdaħħna tiġi evitata milli tidħol fil-kampjun;

— lokazzjoni li fihom jittieħdu l-kampjuni orjentati fit-traffiku:

  — għal kontaminazzjonijiet kollha, punti fejn isir il-kampjunar bħal dawn għandhom ikunu mill-inqas 25 metru mit-tarf tal-konġunzjoni maġġura u mill-inqas 4 metri miċ-ċentru tal-linja l-aktar viċina tat-traffiku;

  — għal monossidu karboniku, id-dħul m'għandux ikun aktar minn 5 m mill-ġenb tal-kantuniera;

  — għal benżin, id-dħul għandu jkun f'postu sabiex jirrappreżenta l-kwalità ta' l-arja ħdejn il-linja tal-bini.

Il-fatturi li ġejjien għandhom ukoll jittieħdu in-konsiderazzjoni:

— sorsi tat-tfixkil;

— sigurtà;

— aċċess;

— disponibbilità tal-qawwa ta' l-elettriku u l-komunikazzjoni tat-telefon;

— viżibilità fuq il-post fir-relazzjoni għal l-ambjent ta' madwaru;

— sigurtà tal-pubbliku u tal-ħaddiema;

— ix-xewqa li jiġi allokat impjant komuni tal-punti t' fejn isir il-kampjunar għal tniġġis differenti;

— Ħtiġiet ta' l-ippjanar.

III. Dokumentazzjoni u reviżjoni ta' l-għażla tal-post

Il-proċeduri ta' l-għażla tal-post għandhom ikunu dokumentati kollha fl-istadju tad-dokumentazzjoni b'mezzi bħal ma' huma ritratti li juru l-limiti ta' l-area tal-madwar u mappa dettaljata. Żoni għandhom ikunu riveduti f'intervalli regolari bid-dokumentazzjoni ripetuta biex jassiguraw li l-kriterji tas-selezzjoni jibqgħu validi tul iż-żmien.

L-ANNESS V

KRITTERJI GĦAD-DETERMINAZZJONI TAN-NUMRI TAL-PUNTI TA' FEJN ISIR IL-KAMPJUNAR GĦAL KEJL FISS TAL-KONĊENTRAZZJONJIET TAL-BENŻIN U L-MONOSSIDU KARBONIKU FL-ARJA TA' L-AMBJENT

Numru minimu ta' postijiet fejn jittieħdu il-kampjuni għal kejl fiss biex issir stima li taqbel mal-valur tal-limitu għal protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn kejl fiss huwa l-uniku sors ta' l-informazzjoni:

(a) Sorsi tad-diffużjoni

Popolazzjoni tal-agglomerazzjoni jew żona (eluf)	Jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-mira tal-istima ta' fuq ([1])	Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi huma bejn l-miri tal-istimi ta' fuq jew t'isfel
0- 249	1	1
250- 499	2	1
500- 749	2	1
750- 999	3	1
1 000- 1 499	4	2
1 500- 1 999	5	2
2 000- 2 749	6	3
2 750- 2 749	7	3
3 750- 4 749	8	4
4 750- 5 999	9	4
≥ 6 000	10	5

([1]) Biex tinkludi minn tal-inqas stazzjoni ta' sfond urban u stazzjon orjentat bit-traffiku sakemm dan ma jżidx in-numru ta' punti ta' fejn isir il-kampjunar

(b) Sorsi tal-punt

Għal l-istima tat-tniġġis fil-viċinanzi tal-punt tas-sorsi, in-numru tal-punti ta' fejn isir il-kampjunar għal kejl fiss għandhom ikunu kkalkulati billi tingħata konsiderazzjoni tad-densitajiet ta' l-emmissjoni, l-iskema li probabbli jkun hemm tad-distribuzzjoni tat-tniġġis ta' l-arja fl-ambjent u l-espożizzjoni potenzjali tal-popolazzjoni.

L-ANNESS VI

DATA TA' L-GĦANIJIET TAL-KWALITA' U L-KOMPILAZZJONI TAR-RIŻULTATI TA' L-ISTIMA TAL-KWALITA' TA' L-ARJA

I. Data ta' l-għanijiet tal-kwalità

Id-data ta' l-għanijiet tal-kwalità li ġejja, tikkonċerna l-inċertezza ammissibli tal-metodi ta' l-istima, u taż-żmien minimu kopert u tad-data tat-teħid tal-kejl li huma pprovduti biex jigwidaw programmi assikurattivi tal-kwalità.

	Benżin	Monossidu karboniku
Miżuri iffisati (1)		
Inċertezza	25 %	15 %
Qbid minimu tal-fatti magħrufa (data)	90 %	90 %
Kisi minimu ta' ħin	35 % sfond urban u siti ta' traffiku (idisturbati matul sena biex jkun rappreżentant tal-kundizzjonijiet varji ta' klima u tat-traffiku) 90 % siti industrijali	
Miżuri indikativi.		
Inċertezza	30 %	25 %
Qbid minimu tal-fatti magħrufa (data)	90 %	90 %
Kisi minimu ta' ħin	14 % (miżutra ta' ġurnata ġimgħa bl-addoċċ, maqassma ndaqs f'sena, jew 8 ġimgħat maqsuma ndaqs f'sena)	14 % (miżutra ta' ġurnata ġimgħa bl-addoċċ, maqassma ndaqs f'sena, jew 8 ġimgħat maqsuma ndaqs f'sena)
Mudellar.		
Inċertezza:		
Medji ta' tminn siegħat	–	50 %
Medji annwali	50 %	–
Estimazzjoni tal-obbjettiv		
Inċertezza	100 %	75 %

(1) L-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri bl-addoċċ minflok miżuri kontinwi għall-benzene jekk huma jistgħu juru lill-Kummissjoni li l-inċertezza, inkluż l-inċertezza minħabba kampjunaġġ bl-addoċċ, tiltaqa mal-obbjettiv tal-kwalita ta' 25 %. Il-Kampjunaġġ bl-addoċċ jrid jkun mqassam ndaqs f'sena sabiex jiġi evitat t-taħwid fir-riżultati

L-inċertezza (fuq interval li 95 % tista' tafdah) tal-metodi ta' l-istima se tkun evalwata bi qbil mal-prinċipji tal-Gwida ISO għal l-Espressjoni ta' l-Inċertezza fil-Kejl (1993) jew tal-metedoloġija ta' ISO 5725:1994 jew l-ekwivalenti. Il-persentaġġi li għandhom x'jaqsmu ma' l-inċertezza li tinsab fit-tabella li tidher hawn fuq huma mogħtija għal miżuri individwali li jittieħdu bejn wieħed u ieħor matul il-perjodu li hu kkunsidrat għall-valur tal-limitu, għal intervall li 95 % tista' tafdah. L-inċertezza għal miżuri fissi għandha tkun interpretata bħallikieku hija applikabbli fir-reġjun tal-valur tal-limitu xieraq. Saż-żmien li fih CEN standards bi protokolli t'eżaminazzjoni dettaljati huma adotatti kompletament, il-Kummissjoni se toħroġ, qabel l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-linji tal-gwida għall-użu li ġew żviluppati mis-CEN.

L-inċertezza għal l-imudellar u l-estimazzjoni ta' l-għanijiet hija mfissra bħala devjazzjoni massima tal-livelli tal-konċetrazzjoni imkejjla u kkalkulati, tul il-perjodu kkunsidrat, għall-valur tal-limitu, mingħajr ma tittieħed konsiderazzjoni tal-kronoloġija ta' l-avvenimenti.

Il-ħtiġiet għat-teħid tad-data minima u l-ħin kopert ma jinkludux telf ta' data minħabba kalibrazzjoni regolari tal-manteniment normali ta' l-instrumentazzjoni.

II. **Riżultati ta' l-istima tal-kwalità ta' l-arja**

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun miġbura għaż-żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom is-sorsi barra minn kejl huma wżati biex jissuplimentaw l-informazzjoni minn kejl jew bħala l-uniċi mezzi ta' l-istima tal-kwalità ta' l-arja:

— deskrizzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-istima magħmula;

— il-metodi speċifiċi wżati, bir-referenzi għad-deskrizzjonijiet tal-metodu;

— is-sorsi tad-data u l-informazzjoni;

— deskrizzjoni tar-riżultati, inkluż l-inċertezzi u, partikolarment, id-daqs ta' kull area jew, jekk hu relevanti, it-tul tat-triq ġewwa ż-żona jew l-agglomerazzjoni li fuqha il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-valur(i) tal-limitu jew, hekk kif jista' jkun, il-valur(i) tal-limitu biż-żieda tal-marġini applikabbli tat-tollerenza u ta' kull zona li fiha l-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-mira ta' l-istima għolja jew il-mira ta' l-istima baxxa;

— għal valuri tal-limitu li l-għan tagħhom huwa l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, il-popolazzjoni potenzjalment esposta għal konċentrazzjonijiet fil-qabża tal-valur tal-limitu.

Fejn possibbli, l-Istati Membri għandhom jiġbru mapep li juru d-distribuzzjonijiet tal-konċentrazzjoni ġewwa kull żona u agglomerazzjoni.

III. **Standardizzazzjoni**

Għal benżin u l-monossidu karboniku r-riżultat tal-kejl għandu jkun standardizzat fit-temperatura ta' 293 K u l-pressjoni ta' 101,3 kPa.

L-ANNESS VII

METODI TAR-REFERENZA GĦALL-ISTIMA TAL-KONĊENTRAZZJONIJIET TAL-BENŻIN U L-MONOSSIDU KARBONIKU

I. Metodu tar-referenza għal kampjunar/analiżi tal-benżin

Il-metodu tar-referenza għal kejl tal-benżin għandu jkun il-metodu tal-kampjunar ippompjat fuq *cartridge* sorbenti segwita mid-determinazzjoni tal-gass kromatografiku li qed ikun standardizzat mis-CEN. Fin-nuqqas tal-metodu CEN standardizzat, l-Istati Membri huma permessi li jużaw il-metodi standard nazzjonali ibbażati fuq l-istess metodu ta' kejl.

Stat Membru jista' wkoll juża kull metodu ieħor li hu jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għal metodu ta' hawn fuq.

II. Metodu tar-referenza għall-analiżi tal-monossidu karboniku

Il-metodu tar-referenza għal kejl tal-monossidu karboniku se jkun metodu spetrometriku infra-red li ma jinfirix (NDIR), li bħalissa qed jiġi standardizzat mis-CEN. Fin-nuqqas tal-metodu CEN standardizzat, l-Istati Membri huma permessi li jużaw il-metodi standard nazzjonali bbażati fuq l-istess metodu ta' kejl.

Stat Membru jista' wkoll juża kull metodu ieħor li hu jista' juri li jagħti riżultati ekwivalenti għal metodu ta' hawn fuq.

III. Metodi Tekniċi ta' l-immudellar tar-referenza

Il-metodi tekniċi ta' l-immudellar tar-referenza ma jistgħux ikunu speċifikati fil-preżent. Kull emendi sabiex jadattaw dan il-punt għal progress xjentifiku u tekniku jridu jkunu adottati bi qbil mal-proċedura imniżżla fl-Artikolu 6(2).